REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/1052

tat-18 ta' Ġunju 2021

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata provvista suffiċjenti u mingħajr interruzzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali li mhumiex magħmula fl-Unjoni u b'hekk jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fis-suq għal dawk il-prodotti, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni tat-tip imsemmi fl-Artikolu 56(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("dazji tat-TDK") [1] fuq dawk il-prodotti ġew sospiżi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 [2]. Dawk il-prodotti jistgħu jiġu importati fl-Unjoni b'rati ta' dazju mnaqqsa jew żero.

(2) Il-produzzjoni tal-Unjoni ta' ċerti prodotti li mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 mhix adegwata jew ma teżistix. Għalhekk huwa fl-interess tal-Unjoni li tagħti sospensjoni totali tad-dazji tat-TDK fuq dawk il-prodotti.

(3) Bil-ħsieb li tiġi promossa l-produzzjoni integrata tal-batteriji fl-Unjoni f'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2018 intitolata "L-Ewropa Attiva – Il-Mobbiltà Sostenibbli għall-Ewropa: sikura, konnessa u nadifa", jenħtieġ li tingħata sospensjoni parzjali tad-dazji tat-TDK għal ċerti prodotti li mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1387/2013. Id-data għar-rieżami obbligatorju ta' dawk is-sospensjonijiet jenħtieġ li tkun il-31 ta' Diċembru 2021, sabiex dak ir-rieżami jqis l-evoluzzjoni tas-settur tal-batteriji fl-Unjoni.

(4) Huwa neċessarju li jiġu emendati d-deskrizzjoni tal-prodott u l-klassifikazzjoni ta' ċertu sospensjonijiet tad-dazji tat-TDK elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1387/2013 sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi tal-prodott u tax-xejriet ekonomiċi fis-suq.

(5) Ma għadux fl-interess tal-Unjoni li jinżammu s-sospensjonijiet tad-dazji tat-TDK għal ċerti prodotti elenkati fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru 1387/2013. Għalhekk jenħtieġ li s-sospensjonijiet għal dawk il-prodotti jitħassru . Barra minn hekk, is-sospensjoni tad-dazji tat-TDK għal ċerti prodotti elenkati f'dak l-Anness jenħtieġ li jitħassru bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-ftehim fil-forma tad-Dikjarazzjoni dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ fil-Prodotti tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni [3], li naqqset ir-rata tad-dazju għall-prodotti ikkonċernati għal żero.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 jiġi emendat skont dan.

(7) Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-applikazzjoni tal-iskema tas-sospensjonijiet awtonomi tat-tariffi u biex ikun hemm konformità mal-linji gwida stabbiliti fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2011 rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi, il-bidliet previsti f'dan ir-Regolament dwar is-sospensjonijiet tat-tariffi għall-prodotti kkonċernati jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Lulju 2021. Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza,

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1344/2011 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 201).

[3] ĠU L 161, 18.6.2016, p. 4.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1387/2013 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. LEÃO

ANNESS

L-Anness għar-Regolament (UE) Nru 1387/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li għandhom in-numri tas-serje li ġejjin jitħassru: 0.2938, 0.3108, 0.3139, 0.3141, 0.4179, 0.4197, 0.4734, 0.4735, 0.4883, 0.5312 u 0.5470;

(2) l-entrati li ġejjin jissostitwixxu dawk l-entrati li għandhom l-istess numri tas-serje:

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
"0.3341	ex 1515 90 99	92	Żejt veġetali, irfinat jew semirfinat, li fih, skont il-piż, 35 % jew aktar iżda mhux aktar minn 57 % aċidu arakidoniku jew 35 % jew aktar iżda mhux aktar minn 50 % aċidu dokosaeżaenojku	0 %	-	31.12.2023
0.7674	ex 2905 32 00	20	(2S)-propan-1,2-diol (CAS RN 4254-15-3) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2023
0.6003	ex 2915 90 70	27	Ortoformat tat-trietil (CAS RN 122-51-0) b'purità skont il-piż ta' 99 % jew iktar	0 %	-	31.12.2023
0.3468	ex 2916 13 00	40	Dimetakrilat taż-żingu (CAS RN 13189-00-9) fil-forma ta' trab b'purità skont il-piż ta' 99 % jew iktar, b'mhux aktar minn 1 % ta' stabbilizzatur	0 %	-	31.12.2023
0.2941	ex 2920 19 00	40	Tolklofos-metil (ISO) (CAS RN 57018-04-9) b'purità skont il-piż ta' 96 % jew iktar	0 %	-	31.12.2023
0.4298	ex 2930 20 00	40	Prosulfokarb (ISO) (CAS RN 52888-80-9) b'purità skont il-piż ta' 97 % jew aktar	0 %	-	31.12.2022
0.5920	ex 2933 29 90	28	Prokloraż (ISO) (CAS RN 67747-09-5) b'purità skont il-piż ta' 97 % jew aktar	0 %	-	31.12.2023
0.6987	ex 2933 59 95	52	6-Benżiladenina (CAS-RN 1214-39-7) b'purità skont il-piż ta' 97 % jew aktar	0 %	-	31.12.2021
0.7815	ex 2934 99 90	82	Rel-(3a*R*,12b*R*)-11-Kloro-2,3,3a, 12b-tetraidro-2-metil-1H-dibenż[2,3:6,7]ossepino[4,5-*c*] pirrol-1-on (CAS RN 129385-59-7) b'purità skont il-piż ta' 97 % jew aktar	0 %	-	31.12.2024
0.7975	ex 3801 10 00	30	Grafit artifiċjali fil-forma ta' trab, (CAS RN 7782-42-5) bi: — miksi jew mhux fis-superfiċe, — daqs tal-partikoli rrappreżentat b'valur d50 ta' 15 μm (± 4), — erja tas-superfiċe speċifika (imkejla permezz ta' BET) ta' anqas minn 3,5 m2/g, — densità volumetrika tal-massa wara t-taptip: 1,3 g/m3 (± 0,5),	1.8 %	-	31.12.2021

			— Kapaċità ta' Skariku speċifika ta' 348 mAh/g (± 13), — effiċjenza inizjali ogħla minn 93,0 %			
0.4459	ex 3919 90 80	83	Folji rifletturi jew ta' diffużjoni, f'rombli, — għall-protezzjoni kontra r-radjazzjoni termika ultravjola jew infraħamra, biex jitwaħħlu mat-twieqi jew — għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ndaqs tad-dawl, intiżi għall-moduli LCD	0 %	-	31.12.2022
0.5139	ex 3920 10 89	55	Rita tal-aċetat tal-etilen u tal-vinil (EVA): — b'superfiċe b'riljiev mgħolli b'undulazzjonijiet intaljati, — mhux laminata, — mhux retikolata, u — bi ħxuna ta' aktar minn 0,3 mm	0 %	-	31.12.2021
0.5167	ex 3920 20 29	94	Rita koestruża orjentata monoassjali: — tikkonsisti minn 3 sa 5 saffi, — kull saff jikkonsisti prinċipalment minn polipropilen u/jew polietilen, — kull saff fih mhux aktar minn 10 % skont il-piż ta' polimeri oħrajn, — sew jekk fih diossidu tat-titanju fis-saff tal-qalba, sew jekk le, — bi ħxuna globali ta' mhux aktar minn 75 μm	0 %	-	31.12.2022
0.2546	ex 6903 90 90	40	Tubi u kontenituri ta' reatturi tal-karbur tas-siliċju b'temperatura massima tas-servizz ta' 1 370 °C jew aktar	0 %	-	31.12.2023
0.8028	ex 6909 19 00	40	Skratać taċ-ċeramika-karbonju tal-assorbiment jew tal-adsorbiment tas-sistemi tal-vetturi bil-mutur li jaħdmu bil-fjuwil, bil-karatteristiċi li ġejjin: — struttura ċilindrika multiċellulari estruża mgħaqqda biċ-ċeramika moħmija, — b'5 % jew aktar skont il-piż iżda mhux aktar minn 70 % skont il-piż ta' karbonju attivat, — bi 30 % jew aktar skont il-piż iżda mhux aktar minn 90 % skont il-piż ta' legant taċ-ċeramika, — b'dijametru ta' 29 mm jew aktar, imma mhux aktar minn 41 mm, — b'tul ta' mhux aktar minn 150 mm, — moħmija f'temperatura ta' 800 °C jew aktar	0 %	p/st	31.12.2025
0.6680	ex 7326 90 98 ex 7907 00 00	40 10	Piżijiet ta' ħadid, azzar u/jew ligi taż-żingu: — b'piż ta' mhux aktar minn 500 gramma u ta' qies mhux aktar minn 107 mm x 107 mm x 11 mm, — b'partijiet ta' materjal ieħor jew mingħajrhom, — b'partijiet ta' metalli oħra jew mingħajrhom, — bi trattament tas-superfiċe jew le,	0 %	-	31.12.2025

			— stampati jew le, ta' tip użat għall-produzzjoni ta' remote controls			
0.4050	ex 7607 11 90 ex 7607 11 90	65 67	Fojl tal-aluminju naturali b'dawn il-parametri li ġejjin: — kontenut tal-aluminju ta' 99,98 % jew aktar, — ħxuna ta' 0,070 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 0,125 mm, — struttura kubika, tat-tip użat għall-inċiżjoni b'vultaġġ għoli	3.7 %	-	31.12.2021
0.7966	ex 8104 19 00	10	Manjeżju mhux maħdum li fih 90 % jew aktar iżda mhux aktar minn 99,7 % skont il-piż ta' manjeżju	0 %	-	31.12.2025
0.5097	ex 8104 30 00	35	Trab tal-manjeżju: — b'purità skont il-piż ta' aktar minn 99,5 %, u — b'daqs tal-partikoli ta' mhux aktar minn 0,8 mm	0 %	-	31.12.2025
0.4133	ex 8418 99 10 ex 8418 99 10	71 79	Evaporatur magħmul mill-aluminju għall-użu fil-fabbrikazzjoni ta' magni ta' l-arja kondizzjonata ta' vetturi bil-mutur ([1])	0 %	p/st	31.12.2021
0.6858	ex 8501 10 99	64	Mutur DC biex jikkontrolla l-pożizzjoni angulari tal-flap biex jaġġusta l-fluss tal-gass fl-aċċeleratur tal-arja u fil-valv tal-EGR: — bi standard Protezzjoni mill-Intrużjoni (IP) ta' IP69, — b'veloċità tar-rotor ta' mhux iktar minn 6 500 rpm meta mhux mgħobbi, — b'vultaġġ nominali ta' 12,0 V (+ 0,1), — ta' medda speċifikata tat-temperatura ta' – 40 °C jew aktar, iżda ta' mhux aktar minn + 165 °C, — b'pinion ta' konnessjoni jew mingħajru, — b'konnettur tal-magna jew mingħajru, — bi flanġ jew mingħajru, — b'dijametru ta' mhux aktar minn 40 mm (il-flanġ mhux inkluż), — b'għoli globali ta' mhux aktar minn 90 mm (mill-qiegħ sal-pinion)	0 %	-	31.12.2021
0.6809	ex 8501 31 00 ex 8501 32 00	43 55	Mutur b'eċitazzjoni permanenti, lest għall-użu fil-vetturi, b'kurrent dirett u mingħajr brushes, b': — veloċità speċifikata ta' mhux aktar minn 4 100 rpm, — output minimu ta' 400 W, iżda ta' mhux aktar minn 1,3 kW (bi 12-il V), — dijametru tal-flanġ ta' 85 mm jew aktar, iżda ta' mhux aktar minn 200 mm, — tul massimu ta' 335 mm, imkejjel mill-bidu tax-xaft sat-tarf ta' barra,	0 %	-	31.12.2025

			— tul massimu tal-kisi ta' 265 mm, imkejjel mill-flanġ sat-tarf ta' barra, — kisi tal-aluminju fondut jew tal-folji tal-azzar magħmul minn massimu ta' żewġ biċċiet (kisi bażiku inklużi komponenti tal-elettriku u flanġ b'minimu ta' 2 toqob u massimu ta' 11-il toqba) kemm b'kompost tal-issiġillar, kemm jekk le (kanal b'O-ring u bil-griż), — statur b'disinn T-tooth uniku u tkebbibiet ta' koljatura unika fit-tipoloġija 9/6 jew 12/8, u — kalamiti tas-superfiċe, — kemm jekk bil-kontrollur tal-power steering elettroniku, kif ukoll jekk le, — b'taljola jew mingħajrha, — b'sensur tal-pożizzjoni tar-rotor jew mingħajru			
0.7641	ex 8507 60 00	58	Akkumulaturi elettriċi priżmatiċi tal-jon tal-litju li jkollhom: — wisa' ta' 120,0 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 305,0 mm, — ħxuna ta' 12,0 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 67,0 mm, — għoli ta' 72,0 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 126,0 mm, — vultaġġ nominali ta' 3,6 V jew aktar, iżda mhux aktar minn 3,75 V, u — kapaċità nominali ta' 6,9 Ah jew aktar, mhux aktar minn 265 Ah, għall-użu fil-manifattura ta' batteriji rikarikabbli għall-vetturi tal-elettriku ([1])	1.3 %	-	31.12.2021
0.5356	ex 8507 60 00	75	Akkumulatur tal-joni tal-litju rettangolari bi: — kejsing tal-metall, — tul ta' 147,85 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 173,15 mm, — wisa' ta' 17,4 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 21,1 mm, — għoli ta' 90,85 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 95,15 mm, — vultaġġ nominali ta' 3,3 V jew aktar, iżda mhux aktar minn 3,65 V, u — kapaċità nominali ta' 17,5 Ah jew aktar	1.3 %	-	31.12.2021
0.7856	ex 8708 40 20 ex 8708 40 50	70 60	Gearbox manwali f'housing tal-aluminju fondut għal installazzjoni trasversali b': — wisa' ta' mhux aktar minn 480 mm, — għoli ta' mhux aktar minn 400 mm, — b'tul ta' mhux aktar minn 550 mm, — ħames jew sitt gerijiet, — ger differenzjali, — torque tal-magna ta' 400 Nm jew anqas, għall-użu fil-manifattura ta' vetturi bil-mutur tal-Intestatura 8703 ([1])	0 %	-	31.12.2024
0.6583	ex 8708 99 10 ex 8708 99 97	60 50	Mensula għall-magni tal-aluminju, b'dawn id-dimensjonijiet: — għoli ta' aktar minn 10 mm iżda mhux aktar minn 200 mm, — wisa' ta' aktar minn 10 mm iżda mhux aktar minn 250 mm,	0 %	p/st	31.12.2024

			— tul ta' aktar minn 10 mm iżda mhux aktar minn 200 mm, b'mill-inqas żewġ toqob biex jintrabtu, magħmulin mil-ligi tal-aluminju ENAC-46100 jew ENAC-42100 (ibbażat fuq l-istandard l-EN:1706) bil-karatteristiki li ġejjin: — porożità interna ta' mhux aktar minn 1 mm, — porożità esterna ta' mhux aktar minn 2 mm, — ebusija Rockwell ta' HRB 10 jew aktar, tat-tip użati fil-produzzjoni tas-sistemi ta' sospensjoni għall-magni fil-vetturi bil-mutur			
0.7101	ex 9001 10 90	40	Pjanċi fibrottiċi: — mhux miksija u mhux miżbugħin, — twal 30 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 234,5 mm, — wesgħin 7 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 28 mm, u — għoljin 0,5 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 3 mm, tat-tip użat fis-sistemi tar-raġġi X dentali	0 %	-	31.12.2021
0.7590	ex 9002 11 00	18	Assemblaġġ tal-lenti li jikkonsisti f'għata f'forma ta' ċilindru magħmul mill-metall jew mill-plastik u elementi ottiċi li jkollu: — firxa tal-kamp viżiv orizzontali sa massimu ta' 120 grad, — firxa tal-kamp viżiv dijagonali sa massimu ta' 105 gradi, — tul fokali sa massimu ta' 7,50 mm, — a relative aperture of a maximum of F/2,90, — dijametru massimu ta' 22 mm	0 %	-	31.12.2023

([1]) Is-sospensjoni tad-dazji hija soġġetta għal superviżjoni doganali tal-użu finali f'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).".

(3) l-entrati li ġejjin jiżdiedu jew jiddaħħlu skont l-ordni numeriku tal-kodiċijiet NM u TARIC fit-tieni u fit-tielet kolonna:

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
"0.8144	ex 2710 12 25	20	Taħlita ta' idrokarburi alifatiċi C6 (CAS RN 92112-69-1), li skont il-piż fiha 60 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 80 % ta' n-eżan (CAS RN 110-54-3), bi: — gravità speċifika ta' 0,666 jew aktar iżda li mhijiex aktar minn 0,686, — total ta' komposti tal-karbonil ta' anqas minn 1 ppm, — total ta' komposti aċetileniċi ta' anqas minn 2 ppm	0 %	-	31.12.2025

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
0.8076	ex 2903 99 80	45	1-Bromo-4-(*trans*-4-propilċikloeżil)benżen (CAS RN 86579-53-5) b'purità skont il-piż ta' 95 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8101	ex 2903 99 80	55	1-Bromo-4-(*trans*-4-etilċikloeżil)benżen (CAS RN 91538-82-8) b'purità skont il-piż ta' 95 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8042	ex 2910 90 00	40	[(2*R*)-ossiran-2-il]metil 3-nitrobenżensulfonat (CAS RN 115314-17-5) b'purità skont il-piż ta' 97 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8073	ex 2912 19 00	20	Akrilaldeid (CAS RN 107-02-8) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8147	2912 42 00		Etilvanillin (3-etossi-4-idrossibenżaldeide)	0 %	-	31.12.2025
0.8058	ex 2914 29 00	45	4-propilċikloeżan-1-on (CAS RN 40649-36-3) b'purità skont il-piż ta' 95 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8146	ex 2915 90 70	23	Bis(2-etileżanoat) tal-landa (CAS RN 301-10-0) b'purità skont il-piż ta' 97 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025
0.8057	ex 2916 20 00	45	Aċidu ċiklopentankarbossiliku (CAS RN 3400-45-1) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8039	ex 2916 39 90	78	Aċidu aċetiku (2,5-dibromofenil) (CAS RN 203314-28-7) b'purità skont il-piż ta' 98,0 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8044	ex 2918 19 98	60	(R)-*tert*-butil 2'-(1-idrossietil)-3-metil-[1,1'-bifenil]-4-karbossilat (CAS RN 1246560-92-8) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8075	ex 2918 30 00	45	Metil 5-osso-6,7,8,9-tetraidro-5H-benżo[7]annulen-2-karbossilat (CAS RN 150192-89-5) b'purità skont il-piż ta' 96 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025
0.8066	ex 2918 99 90	48	Aċidu 2-bromo-5-metossibenżojku (CAS RN 22921-68-2) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8045	ex 2921 29 00	15	(2*S*)-propan-1,2-diammina diidroklorur (CAS RN 19777-66-3) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025
0.8067	ex 2921 29 00	25	*N*,*N*'-diallilpropan-1,3-diammina diidroklorur (CAS RN 205041-15-2) b'purità skont il-piż ta' 96 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8059	ex 2921 49 00	65	Bis-(9,9-dimetilfluworen-2-il)ammina (CAS RN 500717-23-7) b'purità skont il-piż ta' 95 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
0.8027	ex 2924 19 00	28	Aċidu (2*S*)-2-ammino-5-(karbamoilammino) pentanojku; Aċidu 2-idrossibutanedjojku (2:1) (CAS RN 54940-97-5) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8030	ex 2924 19 00	33	Aċidu (2*S*)-2-ammino-5-(karbamoilammino) pentanojku; Aċidu 2-idrossibutanedjojku (1:1) (CAS RN 70796-17-7) b'purità skont il-piż ta' 98,5 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8041	ex 2924 19 00	38	Aċetamidomalonat tad-dietil (CAS RN 1068-90-2) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8049	ex 2924 19 00	43	N6-(*terz*-butossikarbonil)-L-liżina metil ester kloridrat (CAS RN 2389-48-2) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8043	ex 2924 29 70	58	2-Kloro-*N*-[1-(4-kloro-3-fluworofenil)-2-metilpropan-2-il]aċetammid (CAS RN 787585-35-7) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025
0.8060	ex 2924 29 70	78	Aċidu 5-ammino-3-(4-klorofenil)-5-ossopentanojku (CAS RN 1141-23-7) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025
0.8033	ex 2925 29 00	60	Aċetat tal-formamidina (CAS RN 3473-63-0) b'purità skont il-piż ta' 99 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025
0.8040	ex 2925 29 00	70	Bromur tal-bromometiliden(dimetil)użanju (CAS RN 24774-61-6) b'purità skont il-piż ta' 97 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025
0.8061	ex 2928 00 90	38	Soluzzjoni milwiema ta' klorur tal-metossiammonju (CAS-RN 593-56-6), li fiha skont il-piż: — 30 % jew aktar iżda mhux aktar minn 40 % ta' klorur tal-metossiammonju — mhux aktar minn 4 % ta' aċidu idrokloriku	0 %	-	31.12.2025
0.8093	ex 2928 00 90	43	Bromur ta' 2-(3-metossi-3-ossopropil)-1,1,1-trimetilidrażinju (CAS RN 106966-25-0) b'purità skont il-piż ta' 99 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8036	ex 2930 90 98	11	Benżil (2*S*)-2-ammino-3-[3-(metansulfonilfenil)]propanoat idroklorur (CAS RN 1194550-59-8) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025
0.8047	ex 2930 90 98	14	(E)-N'-(2-Ċjano-4-(3-(1-idrossi-2-metilpropan-2-yl)tijourejdu)fenil)-N,N-dimetil-formimidammidur (CAS RN 1429755-57-6) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8050	ex 2930 90 98	19	Aċidu 4-Ammino-5-(etansulfonil)-2-metossibenżojku (CAS RN 71675-87-1) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
0.8069	ex 2930 90 98	28	Mesotrion (ISO) (CAS RN 104206-82-8) f'forma ta' kejk imxarrab jew pejst imxarrab, — b'purità ta' 74 % jew aktar iżda mhux aktar minn 87 % skont il-piż, u — b'kontenut massimu ta' ilma ta' 23 % skont il-piż	0 %	-	31.12.2025
0.8051	ex 2931 90 00	23	Ċitrat tal-ixażomib (INNM) (CAS RN 1239908-20-3) b'purità skont il-piż ta' 95 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8063	ex 2931 90 00	28	Trietossi(3-isoċjanatopropil)silan (CAS RN 24801-88-5) b'purità skont il-piż ta' 96 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025
0.8035	ex 2932 99 00	38	Aċidu 1-Benżofuran-6-karbossiliku (CAS RN 77095-51-3) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8046	ex 2933 19 90	48	1-(3-jodo-1-isopropil-1H-pirażol-4-il)etanon (CAS RN 1269440-49-4) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8068	ex 2933 39 99	30	4-ammino-3-(4-fenossifenil)-1-[(3R)-piperidin-3-il] -1,3-diidro-2H-imidażo[4,5-C]piridin-2-on (CAS RN 1971921-35-3) monoossalat b'purità skont il-piż tal-bażi libera ta' 70 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8072	ex 2933 39 99	75	Klodinafop-proparġil (ISO) (CAS RN 105512-06-9) b'purità skont il-piż ta' 90 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8074	ex 2933 39 99	80	Terz-Butil (3R)-3-(4-ammino-2-osso-2,3-diidro-1H-imidażo[4, 5-c]piridin-1-yl)piperidina-1-karbossilat (CAS RN 1971921-33-1) b'purità skont il-piż ta' 95 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025
0.8096	ex 2933 39 99	89	1-Benżil-4-fenilpiperidina-4-karbonitril monoidroklorat (CAS RN 71258-18-9) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8037	ex 2933 49 90	55	Aċidu 2-(*terz*-butossilkarbonil)-5,7-dikloro-1,2,3,4-tetraidroiżokwinolina-6-karbossiliku (CAS RN 851784-82-2) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8056	ex 2933 59 95	42	2-Kloropirimidina (CAS RN 1722-12-9) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025
0.8038	ex 2933 79 00	45	1-fenil-3H-indol-2-on (CAS RN 3335-98-6) b'purità skont il-piż ta' 99 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8089	ex 2933 99 80	25	6-(4-Benżilammino-3-nitrofenil)-5-metil-4,5-diidro-2H-piridażin-3-on (CAS RN 77469-62-6) b'purità skont il-piż ta' 95 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
0.8032	ex 2933 99 80	65	1,2,4-Triażol (CAS RN 288-88-0) b'purità skont il-piż ta' 99 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8053	ex 2933 99 80	69	Aċidu 5-Formil-2,4-dimetil-1H-pirrol-3-karbossiliku (CAS RN 253870-02-9) b'purità skont il-piż ta' 96 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8054	ex 2933 99 80	76	2-Metilindolina (CAS RN 6872-06-6) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8064	ex 2933 99 80	77	9-[1,1′-Bifenil]-3-il-9′-[1,1′-bifenil]-4-il-3,3′-bi-9H-karbażol (CAS RN 1643479-47-3) b'purità skont il-piż ta' 95 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8094	ex 2934 99 90	40	2,3-anidride pirażinadikarbossilika (CAS-RN 4744-50-7) b'purità skont il-piż ta' 95 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8031	ex 2934 99 90	55	Uridina (CAS RN 58-96-8) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew iktar	0 %	-	31.12.2025
0.8048	ex 2934 99 90	81	1-(4-amminofenil)-5-(morfolin-4-il)-2,3-diidropiridin-6-on (CAS RN 1267610-26-3) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8055	ex 2935 90 90	80	Aċidu 4-Kloro-3-sulfamojlbenżojku (CAS RN 1205-30-7) b'purità skont il-piż ta' 97 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025
0.8137	ex 3208 90 19 ex 3911 90 99	13 63	Taħlita, li fiha skont il-piż: — 30 % jew aktar iżda mhux iżjed minn 40 % ta' kopolimeru ta' metil vinil eteru u l-maleat tal-monobutil (CAS RN 25119-68-0), — 10 % jew aktar iżda mhux iżjed minn 20 % ta' kopolimeru ta' eteru tal-vinil tal-metil u maleat monoetil (CAS RN 25087-06-3), — 40 % jew aktar iżda mhux iżjed minn 55 % ta' etanol (CAS RN 64-17-5), — 1 % jew iktar iżda mhux iktar minn 7 % ta' butan-1-ol (CAS RN 71-36-3)	0 %	-	31.12.2025
0.8083	ex 3824 99 92	92	Soluzzjoni li tikkonsisti minn: — 50 (± 2)% skont il-piż tal-mentolat tas-sodju (CAS RN 19321-38-1), u — 50 (± 2)% skont il-piż ta' solvent alifatiku ħafif nafta (petroleum) (CAS RN 64742-89-8)	0 %	-	31.12.2025
0.8121	ex 3824 99 92	93	Soluzzjoni ta' mhux aktar minn 15 % skont il-piż ta' eżafluworofosfat tal-litju (CAS RN 21324-40-3) f'taħlita ta' karbonat tal-etilen (CAS RN 96-49-1), karbonat tad-dimetil (CAS RN 616-38-6) u karbonat ta' etil metil (CAS RN 623-53-0), fiha derivattivi organiċi tal-karbonat bħala addittivi	3.2 %	-	31.12.2021
0.8062	ex 3824 99 93	51	Ossidu tat-tris(idrossimetil)fosfina (CAS RN 1067-12-5) b'purità skont il-piż ta' 85 % jew aktar	0 %	-	31.12.2025

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
0.8122	ex 3824 99 96	68	Diossidu tan-nikil tal-litju (CAS RN 12325-84-7) li fih skont il-piż: — anqas minn 5 % ta' idrossidu tal-litju (CAS RN 1310-65-2), — anqas minn 5 % ta' karbonat tal-litju (CAS RN 554-13-2), u — anqas minn 15 % ta' ossidu tan-nikil (CAS RN 11099-02-8)	3.2 %	-	31.12.2021
0.8125	ex 3902 30 00	20	Kopolimeru fi blokok idroġenat ta' stiren u isopren (CAS RN 68648-89-5), li fih bil-piż inqas minn 37 % ta' stiren	0 %	-	31.12.2025
0.8126	ex 3905 91 00	50	Soluzzjoni milwiema li tikkonsisti, skont il-piż, fi: — 10 % jew aktar iżda mhux iżjed minn 20 % ta' kopolimeru ta' pirrolidon tal-vinil, N,N-dimetilaminopropil metakrilamid u klorur ta' 3-(metakrilojlammino)propillawrildimetilammonju (CAS RN 306769-73-3), — mhux aktar minn 1 % preservattivi	0 %	-	31.12.2025
0.8145	ex 3905 91 00	60	Kopolimeru ta' vinilpirrolidon, kaprolattam tal-vinil u dimetilamminoetil metakrilat (CAS RN 102972-64-5) f'forma solida, jew bħala soluzzjoni milwiema li fiha, skont il-piż: — 27 % jew aktar iżda mhux aktar minn 33 % ta' kopolimeru, — mhux aktar minn 1,5 % ta' etanol (CAS RN 64-17-5), — mhux aktar minn 1 % ta' preservattivi	0 %	-	31.12.2025
0.8138	ex 3905 91 00	70	Soluzzjoni milwiema, li tinkludi skont il-piż: — 25 % jew aktar iżda mhux iżjed minn 35 % ta' kopolimeru ta' kaprolattam tal-vinil, vinilpirrolidon, N,N-dimetilaminopropil metakrilamid u klorur ta' 3-(metakrilojlammino)propillawrildimetilammonju (CAS RN 748809-45-2), — 10 % jew aktar iżda mhux iżjed minn 16 % ta' etanol (CAS RN 64-17-5) kemm jekk żnaturat bl-alkoħol terz-butil (CAS RN 75-65-0) u/jew benżoat tad-denatonju (CAS RN 3734-33-6) kif ukoll jekk le	0 %	-	31.12.2025
0.8139	ex 3905 91 00	80	Kopolimeru ta' vinilpirrolidon, aċidu akriliku u metakrilat tad-dodeċil (CAS RN 83120-95-0)	0 %	-	31.12.2025
0.8097	ex 3910 00 00	75	Kopolimeru ta' 80 % dimetilsilossan, 10 % metakrilat tal-metil u 10 % akrilat tal-butil fil-forma ta' trab abjad	0 %	-	31.12.2025
0.8116	ex 3917 31 00 ex 3917 32 00 ex 3917 39 00	30 20 20	Tubi: — b'dijametru estern ta' 0,33 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 3,3 mm, — b'dijametru intern ta' 0,01 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 2,1 mm, — tajbin għal rata massima ta' pressjoni ta' tħaddim minn 2,7 MPa sa 70 MPa,	0 %	-	31.12.2021

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
			— tajbin għas-soluzzjonijiet kollha użati fil-kromatografija, — b'siliċe fuża jew mingħajrha, — miksija bil-PEEK jew le, għall-użu f'sistema kromatografika ([1])			
0.8117	ex 3917 40 00	20	Fittings tal-plastik (kits ta' skorfini u vajlori jew skorfini) u konnetturi: — bil-kamin, — mirfuda b'ċirku tal-azzar inossidabbli jew mingħajru, — tajbin għal rata massima ta' pressjoni ta' tħaddim ta' 2,7 MPa jew aktar iżda mhux iżjed minn 114-il MPa, għal tubi: — b'dijametru estern ta' 0,33 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 3,3 mm, — tajbin għal rata massima ta' pressjoni ta' tħaddim ta' 2,7 MPa jew aktar iżda mhux iżjed minn 114-il MPa, — tajbin għas-soluzzjonijiet kollha użati fil-kromatografija, għall-użu fil-produzzjoni ta' sistemi kromatografiċi ([1])	0 %	-	31.12.2021
0.8109	ex 3919 10 80	48	Strixxi tal-plastik tal-polipropilen, — awtoadeżivi, — miksija b'adeżiv fuq naħa waħda b'polimeru akriliku, — f'rombli b'wisa' ta' 20 cm jew anqas, — bi ħxuna, li tinkludi saff ta' adeżjoni, ta' 0,03 mm jew anqas, għall-użu fil-manifattura tal-batteriji rikarikabbli tal-joni tal-litju ([1])	3.2 %	-	31.12.2021
0.8149	ex 3920 10 89	45	Rita tal-plastik tal-otten u kopolimeru tal-etilen bi ħxuna ta' 0,45 mm jew aktar iżda li ma taqbiżx 0,75 mm, għall-użu fil-manifattura ta' pannelli solari fotovoltajċi ħġieġ/ħġieġ ([1])	0 %	-	31.12.2022
0.8118	ex 3926 90 97	58	Vajlori u/jew tappijiet tal-plastik: — mirfuda b'ċirku tal-azzar inossidabbli jew mingħajru, — tajbin għal rata massima ta' pressjoni ta' tħaddim ta' 2,7 MPa jew aktar iżda mhux iżjed minn 114-il MPa, għal tubi: — b'dijametru estern ta' 0,33 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 3,3 mm, — tajbin għal rata massima ta' pressjoni ta' tħaddim ta' 2,7 MPa jew aktar iżda mhux iżjed minn 114-il MPa, — tajbin għas-soluzzjonijiet kollha użati fil-kromatografija, għall-użu fil-produzzjoni ta' sistemi kromatografiċi ([1])	0 %	-	31.12.2021
0.8108	ex 5403 31 00	10	Ħajt ta' filament tar-rayon viskuż kontinwu ta' 105 dtex jew aktar, iżda mhux aktar minn 117-il detx, u li jikkonsisti minn 36 monofilament jew aktar, iżda mhux aktar minn 40 monofilament	0 %	-	31.12.2025

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
0.8105	ex 8108 90 30	55	Wajers ta' liga tat-titanju: — b'kontenut ta' nijobju, skont il-piż, ta' 42 % jew iktar iżda mhux aktar minn 47 %, — b'dijametru ta' mhux iktar minn 6 mm, — konformi mal-istandard AMS 4982, għall-użu fil-produzzjoni ta' fasteners għall-użu ajruspazjali ([1])	0 %	-	31.12.2025
0.8148	ex 8412 90 80	20	Bedplate magħmul minn ħadid fondut bil-grafit sferojdali msaħħaħ minn soluzzjoni (SSDI), biex jankra u jallinja s-sistema tal-mototrażmissjoni (gearbox, bearing tal-pedestall, xaft tar-rotor) ta' turbina eolika bi: — tul ta' 3,5 m jew aktar, iżda mhux aktar minn 4,3 m, — wisa' ta' 2 m jew aktar iżda mhux aktar minn 3,5 m, — għoli ta' 1 m jew aktar iżda mhux aktar minn 1,3 m, — piż ta' 11-il tunnellata jew aktar, iżda li ma jaqbiżx 20 tunnellata, — it-toqob tal-immuntar għall-yaw drive, — flanġ tal-immuntar għall-appoġġ tal-gearbox, — mount tas-sistema tal-mototrażmissjoni, — sokits differenti bil-kamin	0 %	p/st	31.12.2025
0.8079	ex 8412 90 80	30	Appoġġ tal-gearbox użat bħala sostenn u komponent li jġorr tagħbija bejn il-gearbox u l-bedplate ta' turbina eolika, magħmul minn ħadid fondut bil-grafit sferojdali msaħħaħ minn soluzzjoni (SSDI), bi: — dijametru ta' 2 m jew aktar, iżda ta' mhux aktar minn 5 m, — piż ta' 2 tunnellati jew aktar, iżda li ma jaqbiżx 7 tunnellati	0 %	p/st	31.12.2025
0.8111	ex 8414 30 20	20	Kumpressur ermetiku tat-tkessiħ b'moviment alternat, għall-isobutan: — b'mutur brushless b'kalamita permanenti ta' 3 fażijiet, — b'konnessjoni tal-ġbid fuq ix-xellug u invertitur tal-Korrezzjoni tal-Fattur ta' Potenza (PFC), — b'kapaċità tat-tiksiħ massima ta' 150 W jew aktar, iżda mhux aktar minn 240 W, f'kundizzjonijiet ASHRAE	0 %	-	31.12.2025
0.8112	ex 8414 30 20	30	Kumpressur ermetiku ta' refriġerazzjoni b'moviment alternat għall-isobutan bħala refriġerant: — b'mutur brushless b'kalamita permanenti ta' 3 fażijiet, — b'konnessjoni għall-ġbid fuq ix-xellug u invertitur tal-Korrezzjoni tal-Fattur ta' Potenza (PFC) li jista' jaħdem minn 1 300 rpm sa 4 500 rpm, — b'kapaċità tat-tiksiħ massima ta' 150 W jew aktar, iżda mhux aktar minn 240 W, f'kundizzjonijiet ASHRAE	0 %	-	31.12.2025
0.8134	ex 8414 30 20	40	Kumpressur ermetiku b'moviment alternat, għall-isobutan bħala refriġerant bi: — mutur Resistance Start Capacitor Run (RSCR) b'fażi waħda,	0 %	-	31.12.2025

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
			— fattur tal-koeffiċjent ta' rendiment ġenerali li ma jkunx anqas minn 1,93 f'kundizzjonijiet ASHRAE, — kapaċità tat-tiksiħ massima ta' 150 W jew aktar, iżda mhux aktar minn 180 W, f'kundizzjonijiet ASHRAE			
0.8135	ex 8414 30 20	50	Kumpressur ermetiku b'moviment alternat, għall-isobutan bħala refriġerant bi: — mutur Resistance Start Capacitor Run (RSCR) b'fażi waħda, — fattur tal-koeffiċjent ta' rendiment ġenerali mhux ogħla minn 1,5 f'kundizzjonijiet ASHRAE, — kapaċità tat-tiksiħ massima ta' 150 W jew aktar, iżda mhux aktar minn 180 W, f'kundizzjonijiet ASHRAE	0 %	-	31.12.2025
0.8133	ex 8414 80 73	40	Kumpressur tal-pompa tas-sħana ermetiku, għal R134A jew R450A bħala refriġerant: — bil-mutur bl-induzzjoni b'fażi waħda PSC (Kapaċitatur Maqsum Permanenti), — b'konnessjoni tal-ġbid fuq taħt u konnessjoni ta' skariku minn fuq, — ċilindrata ta' 8,1 cm3 jew 8,2 cm3, — li jaħdem bi 3 000 rpm, — b'kapaċità tat-tiksiħ massima ta' 920 W jew aktar, iżda mhux aktar minn 970 W, f'kundizzjonijiet ASHRAE	0 %	-	31.12.2025
0.8123	ex 8479 89 97	28	Unità tal-brejkijiet tal-elettriku integrata għall-ġenerazzjoni immedjata ta' pressjoni idrawlika waqt l-ibbrejkjar, kontroll elettroniku sħiħ tal-brejkijiet u li tippermetti l-ibbrejkjar riġenerattiv tal-vetturi bil-mutur bi: — assistenti elettroniċi tal-brejkijiet, — unità idrawlika mħaddma minn mutur elettriku brushless, — kontenitur tal-fluwidu tal-brejkijiet, għall-użu fil-manifattura ta' karozzi ibridi rikarikabbli tal-passiġġieri ([1])	0 %	-	31.12.2025
0.7962	ex 8479 90 70	50	Parti tar-rotor tal-unità mekkanika li tiżgura l-moviment tal-camshaft meta mqabbel mal-crankshaft: — b'4 pali li jispiċċaw fi skanalaturi, — magħmul minn liga tal-azzar permezz ta' proċess ta' sinterizzazzjoni	0 %	-	31.12.2025
0.8098	ex 8482 50 00	20	Bering tar-romblu assjali magħmul mill-azzar: — ir-retainer huwa magħmul minn azzar irrumblat fil-kesħa b'kontenut ta' karbonju sa 0,25 fil-mija, li jikkonforma mal-istandard ASTM A109-98, — ir-rombli huma magħmula minn azzar kontra l-frizzjoni skont ASTM 295-94, — b'dijametru estern ta' 63 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 66 mm, — b'dijametru intern ta' 44 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 46 mm,	0 %	p/st	31.12.2025

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
			— b'piż ta' 23 g jew aktar, iżda mhux aktar minn 27 g, — b'36 romblu jew aktar, iżda b'mhux aktar minn 38 romblu			
0.8088	ex 8482 99 00	40	Anelli ta' ġewwa u ta' barra magħmula mill-azzar, mhux misnuna, b'raceway interna, b'dijametri ta': — 14,66-il mm jew aktar iżda mhux aktar minn 76,2 mm għall-anell intern, u — 26 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 100 mm għall-anell ta' barra	0 %	-	31.12.2025
0.8100	ex 8483 50 80	20	Blokok ta' taljoli ta' azzar mhux fondut: — magħmula minn azzar tal-karbonju strutturali li jikkonforma mal-istandard JIS G4051, — b'dijametru estern ta' 114 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 118 mm, — b'dijametru intern ta' 33 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 37 mm, — b'wisa' ta' 29 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 33 mm, — b'piż ta' 0,6 kg jew aktar, iżda mhux aktar minn 0,9 kg, — b'6 skanalaturi trapeżojdali	0 %	p/st	31.12.2025
0.8130	ex 8501 62 00	40	Ġeneratur AC bi 3 fażijiet, bi: — potenza elettrika kontinwa ta' 147 kVA jew aktar, iżda ta' mhux aktar minn 222 kVA, — torque kontinwu ta' 650 Nm jew aktar iżda ta' mhux aktar minn 900 Nm, — veloċità operattiva massima ta' 2 700 rotazzjoni kull minuta (rpm), — sistema mkessħa bil-likwidu, — tul ta' 100 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 200 mm, — wisa' ta' 550 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 650 mm, — għoli ta' 550 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 650 mm, — li ma jiżnux iżjed minn 150 kg	0 %	-	31.12.2025
0.8095	ex 8505 90 90	20	Koljatura tal-klaċċ elettromanjetika f'housing ċilindriku tal-metall: — il-housing tal-metall huwa magħmul minn azzar irrumblat bis-sħana konformi mal-istandard JIS G 3131 - SPHE, — il-koljatura hija magħmula minn wajer tar-ram, — b'piż ta' 0,4 kg jew aktar, iżda mhux aktar minn 0,7 kg, — b'wisa' ta' 22 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 25 mm, — bi pjanċa rinfurzata mal-kojlatura ("coil backplate") b'dijametru intern ta' 44 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 46 mm, — b'dijametru estern ta' 88 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 96 mm, — mingħajr planġer, — b'konnettur wieħed	0 %	p/st	31.12.2025

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
0.8115	ex 8507 60 00	48	Sistema ta' batterija integrata f'kaxxa tal-metall bil-holders, li tikkonsisti fi: — Batterija primarja tal-jon tal-litju b'vultaġġ ta' 36 V jew aktar iżda mhux aktar minn 50,4 V u enerġija nominali ta' 0,6 kWH, — Sistema ta' Ġestjoni tal-Batterija, — rilej tal-potenza elettrika, — sistema tat-tkessiħ, — erba' konnetturi, għall-użu fil-manifattura tal-vetturi bil-mutur ibridi ħfief (mild hybrid, mHEV) ([1])	1.3 %	-	31.12.2021
0.8140	ex 8529 90 92	73	Sensur tal-immaġni CMOS — b'mikrolenti fuq kull pixel (il-mikrolenti tkopri mill-inqas 99 % tal-pixel kollu), — biex jaqbad dawl infraaħmar rifless mill-oġġetti, sabiex jinqabdu immaġnijiet tal-fond f'kameras mibnija għall-kejl tad-distanza (Time-of-Flight)	0 %	-	31.12.2025
0.8085	ex 8537 10 91	45	Kontrollur ewlieni tas-sistema ibrida, li jiddijanjostika u jikkontrolla l-elementi tas-sistema ibrida ta' propulsjoni, bi: — memorja programmabbli, — mikroproċessur, — mill-inqas konnettur kompost wieħed, — vultaġġ ta 24 V, — b'tul ta' 350 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 400 mm, — b'wisa' ta' 200 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 250 mm, — b'għoli ta' 80 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 120 mm, — f'housing tal-metall	0 %	-	31.12.2025
0.8132	ex 8537 10 98	80	Sistema ta' Kontroll tal-Propulsjoni b'mill-inqas: — invertitur DC/AC, — potenza elettrika ta' 190 kW jew iktar iżda mhux iktar minn 220 kW, — ċirkwiti b'vultaġġ għoli b'interfaċċi AC u DC għall-konnessjoni ta' mutur tat-trazzjoni, ġeneratur u sistema ta' ħżin tal-enerġija, — kontroll integrali tal-funzjonijiet kollha tas-sistema ta' trazzjoni b'mutur tas-sewqan u ġeneratur, — interfaċċa ta' komunikazzjoni CAN b'Unità ta' Kontroll tas-Sistema, — sistema mkessħa bil-likwidu, — tul ta' 300 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 950 mm, — wisa' ta' 350 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 600 mm, — għoli ta' 200 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 350 mm, — b'piż ta' 40 kg jew aktar, iżda mhux aktar minn 90 kg	0 %	p/st	31.12.2025

Numru tas-serje	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Ir-rata ta' dazji awtonomi	Unità Supplimentari	Data prevista għal reviżjoni mandatorja
0.8124	ex 8537 10 98	88	Panell ta' kontroll għar-radju tal-karozza u/jew kontroll tan-navigazzjoni bi: — komponenti passivi elettroniċi, — mill-inqas żewġ swiċċijiet, — LEDs, — mill-inqas konnettur wieħed, — swiċċ tat-triangolu ta' twissija jew le, — għal vultaġġ mhux ogħla minn 16 V, għall-użu fil-manifattura tal-oġġetti elenkati fil-Kapitolu 87 (1)	0 %	-	31.12.2025
0.8127	ex 8708 99 97	28	Sett ta' ċilindri H2 tat-Tip 4, f'konformità mal-istandard EC 79, li jikkonsisti minn żewġ sa tmien ċilindri fuq oqfsa tal-aluminju: — ċilindri magħmulin minn kompost ta' polietilen ta' densità għolja (HDPE) imsaħħaħ b'nisġa ta' fibri tal-ħġieġ u tal-karbonju f'reżina tal-epossi, — bi pressjoni tat-tħaddim ta' mhux anqas minn 35 MPa, — b'durabilità ddikjarata mill-manifattur ta' mhux inqas minn 20 sena, — ċilindrata ta' 180 litru jew aktar iżda ta' mhux aktar minn 375 litru, — mgħammra b'sett ta' valvi PRD solenojdi, manwali u tas-sikurezza, — b'wisa' totali ta' 1 800 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 2 300 mm, — b'għoli totali ta' 400 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 500 mm, — b'tul totali ta' 1 200 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 3 600 mm	0 %	-	31.12.2025
0.8128	ex 8708 99 97	38	Sett ta' ċilindri tal-Gass Naturali Kkompressat (CNG) tat-tip CNG-4, f'konformità mal-istandard ECE R110, li jikkonsisti minn erba' jew ħames ċilindri fuq oqfsa tal-aluminju: — magħmulin minn kompost ta' polietilen ta' densità għolja (HDPE) imsaħħaħ b'nisġa ta' fibri tal-ħġieġ u tal-karbonju f'reżina tal-epossi, — bi pressjoni tat-tħaddim ta' mhux anqas minn 20 MPa, — b'ħajja tal-prodott iddikjarata mill-manifattur ta' mhux inqas minn 20 sena, — ċilindrata ta' 315 litru jew aktar iżda ta' mhux aktar minn 375 litru, — mgħammra b'sett ta' valvi PRD solenojdi, manwali u tas-sikurezza, — b'wisa' totali ta' 2 200 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 2 300 mm, — b'għoli totali ta' 450 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 460 mm, — b'tul totali ta' 3 500 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 3 600 mm	0 %	-	31.12.2025

(1) Is-sospensjoni tad-dazji hija soġġetta għal superviżjoni doganali tal-użu finali f'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).".